**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Carmen Mallia

vs

Harvin Vassallo

CCT 65/19/MS

24th June 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-27 ta' Mejju 2019 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' €1,250, prezz imhallas mir-rikorrenti ghal materjal u xogholijiet ikkuntrattati mal-intimat, liema xogholijiet ma gewx kompletati u dak li lahaq sar ma kienx skond l-arti u s-sengha.

Ra li l-intimat debitament notifikat b'dawn il-proceduri ma ghamilx riposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi f' Gunju 2017 ir-rikorrenti ftehmet mal-intimat fuq prezz ta' xogholijiet illi kellu jaghmel fid-dar taghha. Qalilha li kien ser jibda il-gimgha ta' wara, pero' l-intimat iktar kien ma jigix milli jigi, u sal-gurnata tal-kawza x-xoghol li kellu jaghmel baqa' ma sarx. Ir-rikorrenti tghid illi meta kien jigi fuq il-lant tax-xoghol, kien jaghmel *'present'*, fis-sens li jaghmel siegha u jitlaq. Dan l-agir ikkawzalha hafna ansjeta' tant illi spiccat bil-kalmanti. Ghalkemm jidher li l-intimat ghamel ftit xoghol, dan ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk ir-rikorrenti kellha tqabbad lil haddiehor biex jirranga u jispicca x-xoghol illi kellu jaghmel l-intimat. Ir-rikorrenti xehdet bil-gurament illi tat l-intimat €1,250 Euro u qed tippretendi illi tiehu lura dan l-ammont kif ukoll danni morali tal-abbuz mentali u emozjonali li ghaddiet minnu minhabba l-agir tal-intimat.

Xehdet ukoll Gabriella Mallia, t-tifla tar-rikorrenti illi kkonfermat li ommha kienet inkarigat lil certu Harvin Vassallo biex jaghmillha l-faccata, l-bejt u t-turretta u wara gimgha li beda

x-xoghol, kollox beda niezel. Barra minn hekk hemm xoghol li ghadu ma sarx alavolja ghaddew sentejn u r-rikorrenti lahqet hallset lill-intimat. Ikkonfermat ukoll illi r-rikorrenti waqghet fi stat ta' ansjeta' u dipressjoni minhabba l-agir tal-intimat, li min-naha tieghu kien qallha li ha jaghtiha l-flus lura. Dawn pero' qatt ma gew.

Illi ghalkemm l-intimat gie notifkat b'dawn il-proceduri qatt ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu li b'xi mod tikkontrasta dak li qed tghid ir-rikorrenti. It-Tribunal ra l-iskambju ta' messaggi bejn ir-rikorrenti u l-intimat, li uhud minnhom anke gew prezentati flimkien mar-rapport tal-pulizija. Huwa car illi l-intimat kien jaf b'dawn il-proceduri, izda xorta ghazel li ma jattendix u ma jixhidx. It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju dwar dak li xehedet ir-rikorrenti, u l-messaggi jikkorroboraw dak kollu li qalet. F'messagg minnhom, l-intimat jaccertaha lli ha jtiha l-flus u li mhux ha jinsa jtihomla.

*"jek intijomlok waqa kolox .. zgur ~~ha~~ jkunu f'idejk. Fit 13 ikolok il-flus mux ha ninsik ~~zgur~~ zgur gn.'*

Jidher pero' illi l-flus baqghet ma rcevithomx, minkejja l-weghdi tal-intimat.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi r-rikorrenti ppruvat il-kaz taghha. Ir-rikorrenti talbet l-ammont ta' elf mitejn u hamsin Euro kif ukoll ghal danni morali. It-Tribunal jidhirlu illi l-agir tal-intimat kien tali li kkawza hafna ansjeta' u *stress* lir-rikorrenti illi kellha d-dritt tircievi s-servizz imwieghda minghand l-intimat. L-intimat pero' baqa' jilluzinga u aktar ikkawza ansjeta lir-rikorrenti. Ta' dan haqqha xi forma ta' kumpens.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat ihallasha s-somma ta' €1,350, kwantu ghal €1250 sorte u mitt Euro danni morali. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru